

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Marzu 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Najwyższy – il-Polonja) – M.F. vs J.M.

(Kawża C-508/19) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 267 TFUE – Neċessità tal-interpretazzjoni mitluba sabiex il-qorti tar-rinviju tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha – Kunċett – Proċeduri dixxiplinari mibdija kontra mħallef ta' qorti ordinarja – Ħatra tal-qorti dixxiplinari kompetenti sabiex tiegħu konjizzjoni ta' din il-proċedura mill-President tal-Awla Dixxiplinari tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) – Azzjoni ċivili għall-konstatazzjoni tal-ineżistenza ta' relazzjoni ta' xogħol bejn il-President ta' din l-Awla Dixxiplinari u l-Qorti Suprema – Assenza ta' ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju sabiex tistħarreġ il-validità tal-ħatra ta' Mħallef tal-Qorti Suprema u Inammissibbiltà ta' tali azzjoni skont id-dritt nazzjonali – Inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari)*

(2022/C 198/03)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Qorti tar-rinviju

Sąd Najwyższy

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: M.F.

Konvenut: J.M.

*fil-preżenza ta'*: Prokurator Generalny, Rzecznik Praw Obywatelskich

### Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Najwyższy (Izba Pracy i Ubezpieczeń Społecznych) [il-Qorti Suprema (Awla Industrijali u tas-Sigurtà Soċjali), il-Polonja] hija inammissibbli.

<sup>(1)</sup> ĠU C 337, 7.10.2019

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Marzu 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour d'appel de Bruxelles – il-Belġju) – bpost SA vs Autorité belge de la concurrence

(Kawża C-117/20) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Servizzi postali – Sistema ta' tarifikazzjoni adottata minn fornitur ta' servizz universali – Multa imposta minn awtorità regolatorja nazzjonali tas-settur postali – Multa imposta minn awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 50 – Prinċipju ta' ne bis in idem – Eżistenza tal-istess reat – Artikolu 52 (1) – Limitazzjonijiet għall-prinċipju ta' ne bis in idem – Kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet – Kundizzjonijiet – Tfittxija ta' għan ta' interess ġenerali – Proporzjonalità)*

(2022/C 198/04)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Qorti tar-rinviju

Cour d'appel de Bruxelles

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: bpost SA